Minuti tal-Laqgħa Nru. 62 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2009 fil-5.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillier | Is-Sur Angelo Attard |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Is-Sinjuri Emanuela Muscat u Rose Agius kienu skużati.

**Aġenda**

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji a) Skeda ta' Ħlas għal April
   b) Petty Cash
5. Tenders tal-Mini-Pitch;
6. SkolaSajf;
7. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

GĦAXAQ

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 61 kienu ċirkolati u ttiehdu bħala moqrija. Dawn gew approvati unanimament wara proposta tal-kunsillier Attard sekondata mill-Vici Sindku.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar il-*Bus Route* is-Segretarju kitbet lill-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn uriet ix-xewqa li issir laqgha biex din tigi diskussa. Ir-risposta kienet li l-kummenti ser jittiehdu.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Segretarju qalet li rceviet ittri:

a) Minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Seminar li ser isir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2009, il-Malta Chamber of Commerce, dwar wiehed mis-sorsi ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Ircevejna ukoll informazzjoni dwar Assikurazzjoni dwar il-Flus fil-Kunsilli Lokali, u dokumenti ghal-laqgha tas-Sindki nhar il-Gimgha u Sibt 8 u 9 ta' Mejju 2009. Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku u l-vici-Sindku. Matul din il-laqgha inghatat spjegazzjoni ta' kif ser jigu ffurmati Erba Kumitati. L-AKL infurmatna ukoll dwar li Skema tas-Sahha.

b) Agenda u Minuti tal-Kumitat Kongunt u ser issir laqgha nhar it-Tnejn 11 ta' Mejju 2009 fl-4.00pm.

c) Mill-Dipartiment tal-Gvern Lokali ircevejna Memo 25/2009 dwar Fondi Specjali ghal Lokalitajiet by bzonnijiet specjali, Memo 26/2009 dwar il-Kuntratt gdid dwar gbir ta' Skart Organiku, Memo 27/2009 Dwar il-Laqghat ta' l-Kunsill, Memo 28/2009 dwar Skemi dwar Enterprise Support u Green Challenge Awards, Memo 29/2009 dwar Rizenji tal-kunsillieri. Mil-istess Dipartiment riedu informazzjoni ta' kemm gew mislufin kotba mil-librerija tal-Kunsill.

d) Mill-MEUSAC ircevejna applikazzjonijiet ghal Fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-MEUSAC ser torganizza konferenza "Zooming on Sustainability" nhar it 13, 14 u 15 ta' Mejju 2009. Infurmatna ukoll dwar Konferenza Nazzjonali li ser issir fl-20 ta' Mejju 2009 u li ghalija ser tattendi is-Segretarju.

e) Dokumenti ghal-laqgha tas-Sindki nhar il-Gimgha u Sibt 8 u 9 ta' Mejju 2009.

f) Minghand l-Awtorita' Maltija tat-Turizmu ircevejna informazzjoni li nghatat f'seminar li ghalih attenda is-Sindku. Is-Sur Vassallo qal li waqt il-laqgha gew diskussi mixjiet li ser isiru li se jghaddu minn Hal Ghaxaq u jibqghu sejrin sal-knisja tal-Gudja. Qal ukoll li l-Kunsill jistgha japplika ghal fondi biex jitrangaw mghodijiet u jitnaddaf iz-zebbug li hemm Has-Saptan izda l-ewwel trid issir id-devoluzzjoni tas-sit lil-Kunsill, jew inkella il-Kunsill jitlob *guardianship* tal-post.

g) Minghand il-Producers Creative Partnership ircevejna ittra li ser jingibed film quddiem il-knisja ta' Hal Ghaxaq nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2009.

h) Mil-MEPA avvizi ta' nfurzar f'Tal-Garda, limiti ta' Hal Ghaxaq minhabba zvilupp minghajr permess kif ukoll depozitu ta' materjal kif ukoll Tal-Qattus, Triq ta' Telleritu fejn hemm sit li fih hemm materjal li qed ihassar l-ambjent. Applikazzjonijiet bin-Nru 765/09 biex tinbena *security room* fi Triq tal-Barrani u Nru. 892/09 biex jinbena tarag ghal apartament li ser jigi mibni kif ukoll washroom fi Triq ic-Ceppun, Nru. 833/09 biex titwaqqa dar u jinbnew zewg maisonettes fi Triq il-Bizzilla, Nru.931/09 biex isir bdil f'dar ezistenti fi Triq il-Gudja k/m Triq San Filippu, Nru. 1628/09 biex jinbnew 2 maisonettes u garaxx.

i) Minghand Chantelle Farrugia u Svetlana Psaila ircevjen ittra fejn irringrazzjaw il-Kunsill ghal kotba li gewipprezentati lilhom l-iskola.

j) Is-Sur Peter Robinson li attenda ghac-cerimonja tal-kxif tal-lapida tal-gwerra baghat jirringrazzja l-Kunsill ta' dak kollu li sar f'Jum Hal Ghaxaq.

k) Mill-Kunsill ta' Hal Kirkop infurmawna li l-laqgha tal-Kumitat Kongunt tal-Kriminalita ser issir nhar l-Erbgha 13 ta' Mejju 2009 fis-sala tal-Kunsill, Kirkop.

l) Mil-*Foundation for Social Welfare Services* ircevejna informazzjoni dwar il-*Fostering*.

m) Mill-Ufficcju tal-Prim Ministru gejna infurmati li bidet tintuza il-*Customer Care System* il-gdida. Din is-sistema tista tintuza mid-Dipartimenti kollha tal-Gvern u Kunsilli Lokali kif ukoll minn klijenti.

n) Il-Kunsill Nazzjonali Zgħazagħ ser ikun qieghed ghal darba ohra jorganizza il-Parlament Nazzjonali ghaz-Zghazagh ta' bejn 13 – 34 sena.

o) Il-*Heritage Malta* ippublikat ktieb bl'isem Rotot Merkantili u bliet Kummercjali fil-Mediterran u kopja ta' dan il-ktieb ser tinghata lill-Kunsilli.

p) Gejna infurmati li l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, kultura w Sport ser jghamel korsijiet tal-ECDL b'xejn.

q) Assistent Direttur ta' l-Informazzjoni Partit Nazzjonalista infurmana li ser issir attivita tal-Partit f'Santu Rokku nhar l-Erbgha 6 ta' Mejju bejn is-6.00pm u 10.00pm

r) Il-Kumitat Kontra l-Impjant Ghar-Riciklagg infurmana li ser isir is-smigh ta' l-Appell, nhar il-hamis 14 ta' Mejju 2009 fis-2.30pm il-MEPA.

s) Il-Patrijiet Dumnikani qed jistaqsu jekk il-Kunsill ghandux xi bank tal-gonna ghax irrangaw il-gnien taghhom u r-rizorsi taghhom huma limitati.

t) Ircevejna ittra minghand Avv. Tonio Azzopardi fejn qal li l-Kunsill Lokali ta' Hal Ghaxaq m'ghandu l-ebda titolu fuq il-propjeta li l-Kunsill qieghed jikkostruwixxi *sports facilities*. Din l-ittra ser jirrispondijha l-Avukat tal-Kunsill.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

a) Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda Skeda ta' hlasijiet ghax-xahar ta' April li kienu jammontaw €15,347.12. Il-Vici Sindku ta' taghrif dwar il-hlasijiet u pproppona li jkunu approvati. Issekondat is-Sur Attard u l-Kunsill qabel unanimament.

b) Il-Viċi-Sindku qal li ħlas mill-petty cash matul April kien hemm €68.53. Il-Kunsill approva n-nefqiet wara proposta tal-Vici-Sindku sekond mis-Sur Attard.

**5. <u>Tenders tal-Mini-Pitch</u>**

Is-Segretarju qalet li kien hemm erba tenderers li kienu:

| | |
|---|---|
| Polidano Brothers ammont ta' | €130,597.44 |
| Schembri Infrastructues Ltd. ammont ta' | €123,000.00 |
| Asphaltar Contruction Ltd. ammont ta' | €102,824.95 |
| Schembri Barbros ammont ta' | €101,713.29 |

Meta jitqiesu l-istess affarijiet ghall-ewwel fazi tax-xoghol l-ammonti huma:

| | |
|---|---|
| Polidano Brothers ammont ta’ | €95,085.37 |
| Schembri Infrastructues Ltd. ammont ta’ | €93,835.16 |
| Asphaltar Contruction Ltd. ammont ta’ | €74.091.00 |
| Schembri Barbros ammont ta’ | €72,873.63 |

Il-Kunsill qabel li l-kuntratt tax-xoghol tal-ground jinghata lill-kumpanija Schembri Barbros.

Il-Vici Sindku qal li meta l-kuntrattur jigi biex inkellmuh naraw jekk l-offerta li jnaqqas €5,000 tkunx ghada valida kemm il-darba il-progett ma jsirx kollu f’daqqa, kif ukoll jekk dan jaccettax li jithallas fi zmien sentejn minn meta jibda ix-xoghol.

L-MFA talbet li d-daqs tal-*mini pitch* ikun 12m x 21m u ma dan id-daqs jizdiedu 1.7m. ix-xoghol isir mill-kuntrattur tal-MFA Messrs. Joseph Sammut C. Ltd ghal prezz ta’ €3500 + 18% VAT. Il-Kunsill qabel ma dan u ghalhekk il-kuntratt jista jigi ffirmat.

**6. <u>SkolaSajf</u>**

Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li terga ssir SkolaSajf mit-Tnejn sal-Gimgha bejn it- 13 ta’ Lulju w l-11 ta’ Settembru. Qal ukoll li diga irranga mas-Surmast biex jintuzaw il-klassijiet. Dwar il-hlas il-Vici-Sindku issugerixxa li jsir ta’€6 fil-gimgha. Il-Kunsill qabel u ghalhekk fil-fuljett ser titqassam informazzjoni dwar SkolaSajf.

**4. <u>Suggerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Is-Sindku qal li lejliet il-Festa ta’ San Guzepp ikun ahjar jekk ikun hawn zewg wardens. Il-Kunsillier Atttard qal li jkun hemm il-htiega ta’ zewg kenniesa l-Hadd l-ghada li jsir il-kuncert biex titnaddaf il-pjazza. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega ta’ zewg rifletturi biex jitwahhlu hdejn it-Turretta. Il-Kunsill qabel unanimament.

GĦAXAQ

3. Is-Sindku qal li hemm bzonn isir il-hlas ta' €200 li jkopri il-kiri ta' diversi drabi li l-Kunsill ghamel uzu mis-Sala tal-Kappillan. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jinkera Hi-Up bil-prezz ta' €60 biex jinzabru s-sigar.  Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega li jinxtraw boroz bit-tarmac biex jigi wzat fis-service road hdejn il-Bukkun ghax hemm hafna toqob. Il-Kunsill qabel.

**Aġġornament**

Is-Sindku ressaq l-aggornament tas-Seduta fis-7.00pm ghal nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju 2009 fil-5.30pm, peress li l-Aġenda ġiet eżawrita.

**Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb**

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati t-Tlieta 26 ta' Mejju 2009**